MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Numru. 109/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**MARCO GIORDMAINA**

**K.I Nru: 170670M**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MARCO GIORDMAINA,** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 170670M, tressaq quddiemha akkuzat talli nhar is-17 ta' Novembru 2011 u fix-xhur ta' qabel f'idversi bnadi f'dawn il-gzejjer:

Xjentament xtara jew laqa' ghandu oggett misruq u cioe' laptop tal-ghamla IBM li l-valur tieghu ma jeccedix l-elfejn, tliet mieja u disgha' u ghoxrin ewro u erbgha' centezmi (Lm1,000), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkun indahal biex tbieghu jew tmexxieh.

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru defnittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali, kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, okkorrenza li giet immarkata Dok PS, seizure note mmarkata Dok PS1, zewg dikjarazzjonijiet tal-ghajnuna legali li gew

immarkati Dok PS2 u Dok PS3, zewg stqarrijiet tal-imputat immarkati Dok PS4 u Dok PS 5 u sett ritratti li gew immarkati Dok PS6.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qed tirtira t-tieni akkuza taghha ta’ recidiva, u dan fis-seduta tat-2 ta’ Lulju 2015.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat dwar l-akkuza ta’ ricettazzjoni kif registrata waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta’ Lulju 2015 u dana fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Peter Fenech, u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni b’eccezzjoni ghall-akkuza ta’ recidiva li ma tirrizultax lill-Qorti.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, setgha jerga’ lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tnejn (2) ta’ Lulju 2015.

Il-Qorti rat illi l-fedina penali ta’ l-imputat ghalkemm ghandha diversi reati registrati fuqha tindika illi l-imputat ilu ma jinstab hati ta’ reat sa mis-sena 2004 fejn kien nghata unconditional discharge u ghalhekk thoss illi fic-cirkostanzi hija ghandha tkompli tghin lill-imputat f’din it-triq li huwa qabad ‘il boghod mill-Qorti.

Il-Qorti rat ukoll illi l-valur tal-laptop li kien inxtara fis-sena 2006 illum huwa wiehed irrizorju u ghalhekk l-ammont bhala valur li huwa kien irricetta llum huwa de minimis.

Fic-cirkostanzi ghalhekk thoss illi ghandha tapplika conditional discharge.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 49, 50, 289 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputat MARCO GIORDMAINA hati tal-akkuzi kollha addebitati fil-konfront tieghu, salv u b'eccezzjoni ghall-akkuza tar-recidiva stante li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn mill-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------